MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2009

Rikors Numru. 58/2000/1

**Kummissarju ta' l-Art**

**vs**

**Paul Busuttil, John Busuttil, Francis Busuttil, Agnes Zammit (u b'digriet tal-Bord tat-12 ta' Frar 2009 l-atti kienu trasfuzi f'isem Paul Zammit u Jane Camilleri bhala werrieta u Evaristo Zammit bhala uzufruttwarju tal-intimata Agnese Zammit wara l-mewt taghha nhar it-13 ta' Frar 2001) u Michael Busuttil (u b'digriet tal-Bord tat-12 ta' Frar 2009, l-atti kienu trasfuzi f'isem John, Raymond u Emanuel Busuttil bhala werrieta u Olga Busuttil bhala uzufruttwarja tal-intimat Michael Busuttil wara l-mewt tieghu fid-9 t'Awissu 2006) u b'digriet tal-Bord tat-12.2.09 Dr. Isabelli Busuttil assumiet l-atti f'isem l-assenti Paul Richard Busuttil.**

Il-Bord:

Ra r-rikors tal-Kummissarju ta' l-Art li jghid:

“Illi l-intimati gew notifikati b’Avviz ghall-Ftehim datat 31 t’ Ottubru 2000 fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita’ kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-bicca art fil-Gudja tal-kejl ta’ madwar 1982 metri kwadri li tmiss mill-Grigal u l-Lbic ma’ proprjeta’ ta’ Francesco Busuttil u ohrajn u mit-Tramuntana ma’ propjeta’ ta’ Francesco Vella huwa ta’ elf seba’ mija u sittin Lira Maltija (Lm1,760) kif jidher fir-rapport tal-Perit Joe Mizzi A&CE tal-20 ta’ Settembru 2000 li kopja tieghu Dok A hija annessa ma’ l-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi b’ittra ufficjali tal-15 ta’ Novembru, 2000 l-intimati fost affarijiet ohra jiddikjaraw li ma jaccettawx il-kumpens offert u jitolbu li dan il-kumpens ghandu jkun ta’ tmintax-il elf lira Maltin.

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimat biex jittrasferixxi favur ir-rikorrent b’titolu ta’ xiri assolut bhala franka u libera l-bicca art fuq imsemmija, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta’ l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f’dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta’ Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88).”

Semgha x-xhieda;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkonsidra:

Illi f’din il-materja, l-Bord kien assistit mill-membri teknici tieghu, l-AIC David Pave u l-AIC Frederick H. Valentino, li wara li hadu konjizzjoni tax-xhieda u dokumenti kollha esebiti waslu ghall konkluzzjoni illi din l-art kienet wahda agrikola kkonkludew l-inkarigu taghhom bil-mod segwenti:

Wara li hadna in konsiderazzjoni l-provi, xhieda, dokumenti relattivi elenkati fil-process, minn kalkoli, li ahna ghamilna a basi tal-Ordinanza Dwar l-Akkwist ta’ Propjeta’ Ghall-skopijiet Pubblici Kap 88 jirrizultalna illi l-valur ta’ l-istess art esproprijanda bhala art purament agrikola ai termini tal-ligi jammonta ghas-somma ta’ hamest elef, disa mija u sittin liri maltin libera u franka (Lm5,960.00 ekwivalenti ghal Euros 13,833.07

Ai termini tal-artikolu 25 (5) tal-Kap 88, la darba l-periti membri tal-Bord ikunu unanimi fid-decizjoni taghhom, ic-Chairman ghandu joqghod fuq dak il-valur hekk stabbilit.

Il-Bord ghalhekk jilqa’ talba tar-rikorrent u jordna lill-intimati jitrasferixxu bhala libera u franka b’titolu ta’ xiri assolut l-bicca art agrikola fil-Gudja tal-kejl ta’ madwar 1982 metri kwadri li tmiss mill-Grigal u l-Lbic ma’ proprjeta’ ta’ Francesco Busuttil u ohrajn u mit-Tramuntana ma’ proprjeta’ ta’ Francesco Vella versu l-prezz ta’ tlettax-il elf tmien mija tlieta u tmenin euro u seba centezmi (Euro 13,883.07) oltre l-imghax legali dovut lill-intimati. Jahtar lin-Nutar Dr. Vincenti Miceli bhala Nutar tar-rikorrenti jew in-nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att fit-13 ta’ Jannar 2010 fis-2.00 pm fl-ufficcju tar-rikorrent u jahtar lill-avukat Dr. Adrian Camilleri LL.D., biex jidher fuq l-att ghall-eventwali kontumaci li ghandu jkun mgharraf bil-hatra tieghu bil-miktub mir-rikorrenti.

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------